MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 391/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Grech talli fil-15 ta' April 2010 ghall-habta tas-1.34 p.m. f'dawn il-Gzejjer Maltin:

(1) permezz ta' network jew apparat ta' telekomunikazzjoni elettronika, heddedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadann jew bil-hsieb li ggieghel lil Anthony McKay jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu jew

biex immalfamat lil Anthony McKay jew xi persuna ohra jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih;

(2) ghamlet lill-istess Anthony McKay ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kienet ipprovokata ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(3) bl-imgieba taghha kkagunat lill-istess Anthony Mckay jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1).

Il-Qorti giet mitluba, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' haddiehor jew jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmija Mary Grech b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Mary Grech;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tipprovdi u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid billi ssib lill-appellata imputata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha wara li tisma l-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-appellata mill-akkuza minhabba nuqqas ta' provi, u dan ghaliex il-prosekuzzjoni kellha xhieda ppreparati sabiex jiddeponu. Barra minn hekk xhud

importanti kien notifikat izda ma attendiex minhabba li kien jinsab rikoverat id-dar minhabba griehi gravi *per durata*. Inoltre, jghid l-appellant, id-difiza ma kellha l-ebda dritt titlob il-liberatorja peress illi din hi procedura aljena ghall-process kriminali.

Din il-Qorti ezaminat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2010 mnejn jirrizulta s-segwenti:

**"Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Elton Taliana u l-akkuzata assistita minn Dr. Edward Zammit Lewis.**

**"Ghalkemm jidher li l-parte civile Anthony McKay gie notifikat ghas-seduta tallum fis-seduta precedenti u gie msejjah diversi drabi huwa baqa' ma deherx.**

**"Ghal dan il-ghan id-difiza qed titlob il-liberatorja tal-imputata Mary Grech.**

**"Il-prosekuzzjoni topponi stante lidin il-kawza hija konnessa mal-kawza numru 9 fuq il-lista, u cioe` fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Anthony McKay'.**

**"Il-kawza giet deciza.**

**"Il-Qorti tordna li l-verbal odjern ghandu jifforma parti integrali mis-sentenza."**

Evidentement Anthony McKay kien ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni u l-prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghalih. Inoltre mill-komparixxi jirrizultaw persuni ohra li kienu tharrku mill-prosekuzzjoni.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maximilian Ciantar** moghtija fis-16 ta' Frar 2007, din il-Qorti kif presjeduta citat b'approvazzjoni sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heraghty** moghtija fit-28 ta' Settembru 2006 fejn intqal hekk dwar sitwazzjonijiet simili:

**"Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kazi *'Il-Pulizija vs. Clive Debono'* [14.9.2004], *'Il-Pulizija vs. Anne Montfort'* [30.9.2004], u *'Il-Pulizija vs. Kevin Debono'* [1.6.2006] kellha okkazjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghal dan it-tip t'incident u ccitat b'approvazzjoni s-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: *'Il-Pulizija vs. Mario Saliba'* [15.10.1982], *'Il-Pulizija vs. Mario Magri'* [28.5.1993], *'Il-Pulizija vs. Francis Callus'* [30.9.1993], *'Il-Pulizija vs. Anthony Zarb'* [22.10.1993], *'Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et'* [3.12.1993] u *'Il-Pulizija vs. Francis Borg'* [10.12.1993].**

**Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali *'Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri'* [5.1.1996] li, ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u <u>sakemm il-partijiet ma jirrinuzjawx ghalih</u> (enfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9 (App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia* [25.7.1994] u ohrajn).**

**'Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe` l-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara App. Krim. *Il-Pulizija vs Pierre Schembri* [8.1.1996] u ohrajn).'"**

Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ma ordnatx li x-xhud principali jingieb quddiemha okkorrendo b'mandat ta' akkumpanjament jew addirittura ta' arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, specjalment ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jippernja principalment fuq ix-xiehda ta' l-imsemmi Anthony McKay u ladarba l-prosekuzzjoni ma

kinitx irrinunzjat ghalih. Lanqas ma jirrizulta li l-ewwel Qorti ppruvat tisma' x-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni, izda bazikament qaghdet ghat-talba tad-difiza ghal-liberatorja.

Anke hawn l-Avukat Generali ghandu ragun. Difatti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Clive Debono** moghtija fl-14 ta' Settembru 2004 u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Schembri et** moghtija fil-31 ta' Lulju 2009, intqal hekk:

**"Issa fl-ewwel lok jigi osservat li l-imputat u d-difiza tieghu ma kellha ebda dritt li titlob 'il-liberatorja' (Sic!) ghaliex dan hu koncett legali w terminu li hu applikabbli biss fil-kompetenza civili. Kif gie min din il-Qorti ritenut fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Adrian Previ' [5.6.2003] u sentenzi ohra, din il-forma ritwalistika w dicitura nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hi applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza civili bl-artikoli 199 (2)(3) u 200 tal-Kap.12 u hija procedura ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali. Di fatti, ma jirrizulta minn imkien li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Kap.12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-artikoli tal-Kap.12 elenkati fl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta' xiehda w provi, per ezempju."**

Mela l-ewwel Qorti lanqas ma setghet taghti aditu ghat-talba tad-difiza ghal-"liberatorja".

Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jinstema’ u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------